Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 187 :: DIĊEMBRU 2011

**Editur: Paul Vella**



*Il-President u l-Kumitat*

*tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria*

*jixtiequ lill-membri kollha u l-familji tagħhom*

*Milied Hieni u Qaddis*

*u Sena Ġdida*

*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*

## MANWEL CASSAR JIRBAĦ PREMJU B'POEŻIJA


Manwel Cassar

Il-membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, Manwel Cassar, dan l-aħħar rebaħ premju b'poeżija f'Konkors internazzjonali. Il-Premju Internazzjonali tal-Poeżija NOSSIDE huwa Konkors miftuħ għall-ilsna kollha tad-dinja. Il-President u Fundatur tal-Premju huwa l-Prof. Pasquale Amato. Ftit ilu għadhom kemm ħarġu r-riżultati għas-sena 2011, li tiġi s-27 edizzjoni ta' dan il-Premju prestiġġjuż. Din is-sena pparteċipaw mat-360 poeta minn 64 stati differenti, mill-ħames kontinenti. Fost dawn kien hemm ukoll erba' poeti Maltin, tlieta minnhom minn Malta u ieħor mill-Istat ta' Victoria, fl-Awstralja. Minn dawn l-erba' poeti, tnejn ġew ippremjati b'Menzjoni, biex b'hekk huma intitolati għal Ċertifikat u l-poeżija tagħhom tiġi nkluża fl-Antoloġija li toħroġ kull sena u li fiha jiġu nklużi l-poeżiji rebbieħa kollha ta' din l-edizzjoni. Iż-żewġ poeti rebbieħa huma Jane Micallef bil-poeżija Mediterranju 2011, u l-poeta minn Victoria, l-Awstralja, Manwel Cassar, bil-poeżija Attwalità. It-tnejn huma poeti membri tal-Għaqda Poeti Maltin. Minn hawn nifirħulhom.

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Kif tafu, il-laqgħat tagħna issa qed jerġgħu jibdew isiru kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar. Għalhekk, il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-**Ġimgħa, 27 ta' Jannar, 2012** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Il-miżata għadha $10.

***Nixtiequ naraw aktar membri jissieħbu magħna. Jekk kull membru jħajjar lil xi ħadd tal-familja jew xi ħbieb li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija, b'hekk inkabbru n-numru tal-membri tal-Grupp tagħna.***

# LOU DROFENIK TIRBAĦ L-EWWEL PREMJU B'RUMANZ

**Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Kotba ppubblikati fl-2010**
*Kategorija: Rumanzi u Novelli bil-Malti (Ġurija: Gorg Peresso, Maria Pace u Dr Josette Attard)*
L-ewwel premju: Penumbra ta' Trevor Zahra ippubblikat minn Merlin Publishers
Ix-Xitwa ta' wara s-Sajf ta' Victor Fenech ippubblikat minn Horizons
*Kategorija: Rumanzi u Novelli oħra b'Lingwa Oħra (Ġurija: Gorg Peresso, Maria Pace u Dr Josette Attard)*
L-ewwel premju: Cast the Long Shadow ta' **Lou Drofenik** ippubblikat min-National Biografic


Lou Drofenik

*Cast the Long Shadow* huwa it-tieni rumanz ta' Lou Drofenik li rebaħ il-premju Nazzjonali tal-Ktieb. Fl-2008 r-rumanz *In Search of Carmen Caruana* kien ukoll rebaħ dan il-premju. Fil- 2010 *Cast the Long Shadow* rebaħ in-North Central Review Literary Award, kif kien rebħu ir-rumanz *Of Cloves and Bitter Almonds* fl-2007. *Cast the Long Shadow* huwa rumanz dwar familja Maltija fil-Victoria. Din hija storja li tibda fil-gwerra, u tagħtina ħarsa lejn dak li kienu ġarrbu l-Maltin f'dawn is-snin hekk qliel. Charlie Scicluna u ħuh, Joe, tilfu lil ommhom dak inhar li l-qniepen kienu qiegħdin idoqqu ferħanin li l-gwerra spiċċat. Charlie emigra lejn l-Awstralja wara l-kuġina Angelina li kien ħabb Malta. F'dan ir-rumanz naraw intimament kif familja Maltija tiffaċċja l-problemi tal-emigrazzjoni — inkwiet tal-familja, memorji tal-passat, multikulturaliżmu. Naraw ukoll l-inkwiet li Charlie għandu fuq ħuh li baqa' Malta u tfittxija fl-Awstralja ta' ziju li sparixxa qabel il-gwerra.
Dan huwa rumanz li kull min qrah ikkummenta kif ma setax jitilqu qabel ma jispiċċa.

# IMUT IL-KITTIEB ĠORĠ SALIBA


Ġorġ Saliba

Nhar it-Tlieta, 8 ta' Novembru, tħabbret il-mewt tal-kittieb Malti, Ġorġ Saliba, minn Ħal Qormi, li kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ. Ġorġ, li hu eks-Manager tal-Bank of Valletta, miet fl-għomor ta' 64 sena.

Ġorġ kien awtur ta' diversi poeżiji b'laqtiet storiċi u soċjali, kif ukoll kiteb numru ta' xogħlijiet letterarji, fosthom il-lirika tad-dramm "Sebastjan" imtella' mill-Għaqda Żgħażagħ Bastjaniżi. Jiena u l-mara tiegħi, Salvina, konna attendejna għal dan id-dramm mużikali li kien inżamm fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, f'waħda miż-żjarat tagħna f'Malta. Huwa ħadem ukoll ma' wħud mill-aqwa talenti fil-qasam mużikali f'pajjiżna, fejn waħda mill-aqwa kanzunetti li kiteb bla dubju hija "Sal-aħħar nifs". Fl-aħħar snin ta s-sehem ewlieni tiegħu biex tingħata tislima xierqa lil Malta Ħielsa fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Partit Laburista.

Ġorġ, flimkien ma ħuh, Ray, kienu xandara regulari fuq l-Istazzjon Bastjaniżi FM. Ġorġ xandar ukoll fuq One Radio. Barra li huwa kien kittieb, kien ukoll jaqra ħafna rumanzi u poeżiji fuq ir-radju u kellu still sabiħ għal dan il-qari li kien isaħħar lil kulħadd. Huwa kien qara madwar erba' novelli minn tiegħi fuq il-karattru ta' Pietru, kif ukoll kien qara diversi novelli tal-membru tagħna, Laurie Armato.

Ta' kull darba li kont inkun Malta dejjem kont nagħmel żjara lil Ġorġ u lil ħuh Ray, kemm fl-Istazzjon Bastjaniżi FM u kemm id-dar tagħhom. Huma kienu jaħdmu ħafna flimkiien fejn Ray kien jieħu ħsieb ix-xogħol tekniku meta kien jiġi rrekordjat il-qari ta' Ġorġ.

Il-funeral tiegħu sar fil-Knisja Arċipretali ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ, il-Ħamis, 10 ta' Novembru. Noffru l-kondoljanzi tagħna lil martu, Catherine, lil uliedu, Mario u Annabelle u lill-familja kollha tiegħu. Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**